**24 ta' Awissu, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Godwin Muscat Azzopradi B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Victor Calleja

**Pussess ta' Oġġetti – Dazju mhux Imħallas – Xjenza ta' l-Imputat**

*Ix-xjenza ta' l-imputat mhix rikjesta fiċ-ċirkostanzi kollha prospettati mill-art. imsemmija tal-Kap. 37.*

Il-Qorti: – Rat L-imputazzjoni maħruġa mill-Pulizija kontra l-imputat hawn fuq imsemmi talli fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli f'dawn l-aħħar tnax-il xahar, instab li xjentement kellu fil-pussess tiegħu kaxxa ta' tnax-il flixkun *whisky* tal-marka *"Bells"* valur Lm10.18,4 dazju Lm29.88 u kaxxa bi tnax-il flixkun *whisky* tal-marka *"White Label"* valur Lm12,75,2 dazju Lm29.88 li l-importazzjoni tagħhom hija ristretta u li d-dazju fuqhom ma ġiex imħallas jew kawtelat bi ksur ta' l-art. 60 (a)(b)(ċ) u l-art. 61(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i) u (k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 60 ta' l-Ordinanza Riveduta;

Barra minn hekk, ġie akkużat ukoll li xtara dawn l-oġġetti bi ksur ta' l-art. 9 ta' *"Sale of Commodities (Control) Regulations 1972"*;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati – Malta tal-15 ta' Mejju, 1990 li biha ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża u minnha lliberatu minn kull imputazzjoni u ħtija, **sabitu ħati** però ta' l-ewwel akkuża talli f'dawn il-gżejjer, fl-aħħar tnax-il xahar qabel it-23 ta' Awissu 1984 instab li xjentement kellu fil-pussess tiegħu, kaxxa bi tnax-il flixkun *whisky* tal-marka *"Bells"* valur Lm10.18,4 dazju Lm9.88 u kaxxa bi tnax-il flixkun *whisky* tal-marka *"White Label"* valur Lm12.71,2 dazju Lm29.88 li l-importazzjoni tagħhom hi ristretta u li d-dazju fuqhom ma ġiex imħallas jew kawtelat u dana wara li rat l-art. 60 (a) (b) (ċ) u 62 (a) (b) (ċ) (f) (g) (h) (i) (k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u wara li qieset it-tassività tal-piena karċerarja ta' Jannar, 1987, ikkundannat lill-imputat għall-piena ta' **priġunerija ta' tmint ijiem** u ordnati l-konfiska tal-*whisky* esibit f'dawn l-atti;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Victor Calleja li bih talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fis-

sens illi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjaratu mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u minnu lliberatu, tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni billi tiddikjarah mhux ħati ta' l-istess u konsegwentement tilliberah minn kull piena u ħtija skond il-liġi jew sussidjarjament u bla preġudizzju tirriforma l-istess sentenza kwantu din tirrigwarda l-piena inflitta billi timponi waħda iktar konfaċenti maċ-ċirkostanzi tal-każ;

Rat l-atti kollha tal-kawża appellata;

Semgħet it-trattazzjoni mill-abbli avukati;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-każ jirrigwarda appell dwar imputazzjoni kontra l-appellant fis-sens li xjentement kellu fil-pussess tiegħu żewġ kaxxi bi tnax-il flixkun *whisky* kull waħda li l-importazzjoni tagħhom hija ristretta u li d-dazju fuqhom ma tħallasx;

Fir-rikors ta' l-appell u fit-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri l-appell ħa żewġ aspetti, l-ewwel dwar kemm effettivament ġew elevati fliexken ta' *whisky* mingħand l-appellant u t-tieni dwar l-element tax-xjenza rikjest taħt il-liġi tad-dwana;

*Omissis;*

It-tieni lanzjanza tar-rikors ta' l-appell:

Fl-istqarrija ta' l-appellant dan iddikjara li xtara dawn iż-żewġ kaxxi *whisky* bil-prezz ta' Lm72 li hu jgħid li kien irħis.

Issuspetta li kien hemm xi ħaġa ħażina in konnessjoni magħhom, tant illi ma talabx *invoice*. Meta ġew il-Pulizija tal-Kontroll huwa wera lill-pulizija invoices ta' *Whisky* ieħor;

Dan ma jħalli ebda dubju li l-appellant kellu l-faħam miblul. Iżda, targumenta d-difiża, dan ifisser bil-fors li l-problema kienet waħda ta' dazju? Ma setax kien *whisky* misruq? Jew b'xi difett ieħor, per eżempju li kien *whisky* differenti minn dak li kienet turi t-tikketta?

Quddiem din il-Qorti saru diversi argumenti dwar il-posizzjoni ta' l-element intenzjonali taħt il-Kapitolu 37 f'diversi ċirkostanzi. Ikun hawn utili li ssir enunċjazzjoni qasira tal-posizzjoni taħt il-liġi tad-dwana taħt dan l-aspett;

Il-Qrati tagħna diversi drabi daħlu f'din il-kwistjoni;

Fil-kawża Pulizja *vs* Mario Scicluna deċiża fis-7 ta' Marzu, 1985 il-Qorti ta' l-Appell kkonfermat il-prinċipju li a tenur ta' l-artikolu 77 tal-Kap. 37, meta fi proċediment taħt dak il-kap tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oġġetti partikolari kienx ġie mħallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oġġetti ġew akkwistati, il-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat;

In sostenn ta' tali prinċipju, il-Qorti ċċitat sentenzi oħrajn u kompliet iżżid hekk: "kull prova għalhekk li l-Prosekuzzjoni trid tagħmel hi inskritta minn dan l-artikolu u permezz tiegħu jidher ċar li l-prova li prosekuzzjoni trid tagħmel hi li ma jirriżultalhiex li tħallas id-dazju. Minn hemm 'il quddiem l-oneru tal-prova hu mixħut fuq l-imputat";

Dan mela għar-rigward ta' l-artikolu 77 tal-Kap. 37;

Fil-każ preżenti, però, l-appellant instab ħati taħt l-artikoli 60 u 62 tal-Kap. 37;

Hawn jidħlu *inter alia* l-elementi tax-xjenza u l-pussess;

Il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Anthony Mifsud u George Grima deċiża fl-24 ta' April, 1986 u Pulizija *vs* Felix Grixti deċiża fit-12 ta' Ġunju, 1989;

Fil-każ kontra Anthony Mifsud *et* l-akkużi kienu ukoll taħt dawn l-artikoli. Il-Qorti ta' l-Appell dehrilha li kellha tagħmel distinzjoni bejn il-posizzjoni legali taħt l-artikolu 72 u dik taħt l-artikoli l-oħra u din il-Qorti taqbel ma' u tagħmel tagħha tali argumenti in relazzjoni għal tali distinzjoni;

Fid-dawl ta' dak li fuq ingħad, din il-Qorti jidhrilha li l-posizzjoni legali tista' tiġi enunċjata hekk:

Każijiet taħt l-artikolu 62:

Il-liġi ma tużax il-kelma xjentement fil-paragrafi kollha ta' dan l-artikolu;

Min jimporta oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hi pprojbita, min jiżbarka tali oġġetti, min iwarrab oġġetti importati qabel jiġu eżaminati mill-uffiċjali inkarigat mid-dwana, huwa awtomatikament passibbli mingħajr il-ħtieġa tal-prova tax-xjenza;

Hawn il-prosekuzzjoni trid tipprova l-fatti materjali kif jinkwadraw ruħhom taħt dawn il-paragrafi;

M'hemmx bżonn lanqas li fil-każijiet speċifiċi l-imputat kien jaf li l-importazzjoni kienet ipprojbita. Ġie deċiż li din hija kwistjoni ta' liġi u mhux ta' fatt. Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża Pulizija *vs* Raymond Debono deċiża fit-28 ta' Lulju, 1988;

Għall-kuntrarju jekk l-imputat jallega li l-importazzjoni kienet legali, a tenur ta' l-artikolu 77, irid jagħmel il-prova hu;

Paragrafi oħra, però, jirrikjedu x-xjenza. Dawn huma s-*subinċiżi* (*e*) sa (i) ta' l-istess artikolu 62;

Taħt il-paragrafu (f) per eżempju, il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat aġixxa xjentement biex:

a) laqa' eċċ. għandu l-oġġetti in kwistjoni,

b) li tali oġġetti għandhom l-importazzjoni pprojbita jew limitata,

ċ) jew tali oġġetti kienu żdazjati,

d) jew li tali oġġetti kienu ġew imwarrba mingħajr ħlas ta' dazju mill-postijiet imsemmija fl-istess subinċiż;

Kif qalet il-Qorti fil-kawża kontra Mifsud, jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant żamm għandu jew laqa' għandu oġġetti li fuqhom ma tħallasx dazju b'daqshekk ma tkunx issodisfat il-vot tal-liġi billi tkun trid tipprova ukoll li l-imputat aġixxa xjentement, altrimenti l-kelma xjentement tkun qiegħda fil-liġi għalxejn;

Il-prova tax-xjenza naturalment twassal sal-grad li l-appellant kien jaf jew ma setax ma kienx jaf, li l-oġġetti li nstabu għandu kienu tan-natura ta' dawk imsemmija fil-paragrafi rilevanti tal-Kap. 37;

Taħt l-artikolu 77;

Dan japplika, kif juri l-istess artikolu, meta tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju dovut kienx ġie mħallas, jew li l-oġġetti ġew żbarkati skond il-liġi eċċ;

Fi kliem ieħor, fil-fhema tal-Qorti dan l-artikolu jidħol in effett u jaltera l-piż tal-prova, meta l-imputat jinvoka tali fatti;

Jekk l-appellant isostni li d-dazju tħallas, jipprova hu;

Dan japplika f'kull każ, anki fejn il-liġi tirrikjedi x-xjenza. Hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f'dawn il-każijiet, imma jekk l-appellant jixtieq jallega xi difiża taħt l-artikolu 77, il-prova jrid iforniha hu. U kien proprju dan li ġie deċiż fil-każ ta' Mario Scicluna;

Dan dikjarat, wieħed irid jinkwadra l-fatti riżultanti f'dan il-każ f'dawn il-parametri;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma in kwantu sabet lill-appellant mhux ħati tat-tieni akkuża u tirrevokaha kwantu għall-ewwel akkuża billi ssib lill-appellant mhux ħati ta' l-akkuża dedotta kontra tiegħu u minnha tilliberah.